Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.8941 — EQT/WIDEX/JV)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2018/C 368/09)

1. Fl-4 ta' Ottubru 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Sivantos Pte. Ltd ("Sivantos", Singapore), ikkontrollata minn EQT VI Limited u EQT Fund Management S.à r.l. (flimkien imsejħa "EQT");

— Widex A/S ("Widex", id-Danimarka), ikkontrollata minn Widex Holding A/S ("Widex Holding");

— MergeCo A/S, entità maħluqa ġdida ("JV", id-Danimarka).

Widex Holding u EQT takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt tal-JV, li tgħaqqad l-attivitajiet ta' Widex u Sivantos.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'joint venture.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Sivantos: manifattur u fornitur dinji ta' hearing aids u aċċessorji għas-smigħ;

— Widex: manifattur u fornitur dinji ta' hearing aids u aċċessorji għas-smigħ;

— il-JV: manifattur u fornitur dinji ta' hearing aids u aċċessorji għas-smigħ.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja tiġi dejjem speċifikata:

M.8941 — EQT/WIDEX/JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").